# Is-Sitta u Għoxrin Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

## Qari I

*Tintemm l-għajta tal-imhejmin.*

Għam 6, 1a. 4-7

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Għamos**

Dan jgħid il-Mulej li jista' kollox :
1 «Ħażin għalihom
dawk li f'Sijon għandhom moħħhom mistrieħ,
dawk li qalbhom qawwija fil-muntanja tas-Samarija!
4 Fuq sodod tal-avorju mimduda,
jitmattru fuq il-friex;
u ħrief il-merħla jieklu, għoġiela mill-istalla.
5 Mal-arpa jqabblu l-għana,
bħal David strumenti jivvintaw.
6 L-inbid ilegilguh minn bwieqi kbar,
u bl-ifjen żjut jindilku,
bla xejn ma jsewdu qalbhom
għall-qerda ta' Ġużeppi.
7 Għalhekk ikunu l-ewwel fost dawk li jittieħdu fl-eżilju,
u tintemm imbagħad l-għajta tal-imhejmin.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 145 (146), 7.8-9a.9bċ-10

R/. (1b): Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej!

[7]Il-Mulej li jagħmel ħaqq lill-maħqurin,
u jagħti l-ħobż lill-imġewħin.
Il-Mulej li jeħles lill-imjassrin. R/.

[8]Il-Mulej li jiftaħ għajnejn l-għomja;
il-Mulej li jerfa' lill-milwijin;
il-Mulej li jħobb lill-ġusti;
[9]il-Mulej li jħares lill-barranin. R/.

Il-Mulej iżomm lill-iltim u lill-armla,
imma lill-ħżiena jħarbtilhom triqathom.
[10]Il-Mulej isaltan għal dejjem;
Alla tiegħek, Sijon, minn nisel għal nisel. R/.





## Qari II

***Ħares l-istruzzjonijiet sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu.***

1 Tim 6, 11-16

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**

[11]Int, bniedem ta' Alla, fittex li jkollok il-ġustizzja, it-tjieba, il-fidi,
l-imħabba, is-sabar, il-ħlewwa. [12]Tqabad it-taqbida t-tajba tal-fidi; qis
li tirbaħ il-ħajja ta' dejjem li għaliha kont imsejjaħ u li tagħha għamilt
l-istqarrija sabiħa quddiem ħafna xhieda.

[13]Inwissik quddiem Alla li jagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha, u quddiem
Kristu Ġesù li xehed u għamel l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzju
Pilatu. [14]Inwissik biex tħares l-istruzzjonijiet li rċevejt u żżomm ruħek
bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu, [15]li għad
juriha f'waqtha.

Dak li hu l-hieni u waħdu setgħani,
is-Sultan tas-slaten u s-Sid tas-sidien,
[16]li hu biss ma jmut qatt
u jgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh,
hu li ebda bniedem qatt ma rah u anqas qatt jista' jarah.
Lilu ġieħ u setgħa għal dejjem! Ammen.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

2 Kor 8, 9

Hallelujah. R/. Hallelujah
Sidna Ġesù Kristu, għad li kien għani, ftaqar minħabba fikom,
sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

***Lazzru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu, issa hu qiegħed jitfarraġ.***

Lq 16, 19-31

## Qari mill-Evanġelju skont San Luqa

F'dak iż-żmien, Ġesù qal lill-fariżej: [19]«Mela kien hemm raġel għani,
jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen; l-hena tiegħu kien li kuljum
jagħmel ikla mill-aħjar. [20]U wieħed fqir jismu Lazzru, li kellu ġismu
ġerħa waħda, kien imur jinxteħet ħdejn il-bieb ta' daru, [21]bix-xewqa
li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda tal-għani. Sal-klieb kienu jmorru
jilagħqu l-ġrieħi tiegħu.

[22]Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet
ukoll l-għani, u difnuh. [23]Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'Art
l-Imwiet, rafa' ħarstu, u mill-bogħod lemaħ lil Abraham, b'Lazzru fi
ħdanu. [24]U għolla leħnu u qallu: "Missier Abraham, ikollok ħniena
minni u ibgħat lil Lazzru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li
għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar."

[25]Iżda Abraham qallu: "Ibni, ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek;
hekk ukoll Lazzru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk
qiegħed jitfarraġ, waqt li inti qiegħed tbati. [26]Barra minn dan, hemm
vojt bla qjies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid jaqsam minn hawn
għal għandkom ma jkunx jista', u anqas ma jgħaddu minn hemm
għal għandna." [27]Qallu l-għani: "Mela nitolbok, missier, ibagħtu f'dar
missieri, [28]għax għandi ħames aħwa, ħalli jagħmlilhom twissija kif
imiss, li ma jmorrux huma wkoll jiġu f'dan il-post ta' tbatijiet ħorox!"
[29]Qallu Abraham: "Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom."
[30]Qallu dak: "Le, missier Abraham, imma jekk imur għandhom
xi ħadd mill-imwiet, jindmu." [31]Iżda wieġbu Abraham: "Jekk ma
jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet
ma jemmnu."»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu